



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Mejju 2021
(OR. en)

9091/21

JAI 628
COPEN 244
FREMP 146

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Elementi ewlenin għas-servizzi tal-prosekuzzjoni pubblika inkluż fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument tal-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-
ħsieb tad-diskussjoni mill-Ministri għall-Ġustizzja fil-laqgħa tal-Kunsill ĠAI fis-7 u t-8 ta' Ġunju 2021.

**Elementi ewlenin għas-servizzi tal-prosekuzzjoni pubblika, inkluż fir-rigward
tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali**

Introduzzjoni

Is-servizzi tal-prosekuzzjoni pubblika għandhom rwol ewlieni fiż-żamma tal-prinċipji tal-istat tad-dritt, mhux biss f'kuntest nazzjonali, iżda wkoll dejjem aktar fil-livell tal-UE.

L-importanza tal-funzjoni tal-prosekuturi pubbliċi ġiet rikonoxxuta mill-komunità internazzjonali, pereżempju fil-Linji Gwida tan-NU tal-1990 dwar ir-rwol tal-prosekuturi u fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2000 dwar ir-rwol tal-prosekuzzjoni pubblika fis-sistema tal-ġustizzja kriminali.

Għalhekk jidher utli li dan is-suġġett jiġi esplorat aktar fil-qafas tal-Kunsill bħala parti minn dialogu dwar suġġetti speċifiċi għall-ġustizzja dwar l-istat tad-dritt.

L-importanza għall-UE ta' servizzi ta' prosekuzzjoni li jiffunzjonaw tajjeb

Is-servizzi tal-prosekuzzjoni pubblika huma partikolarment importanti għall-funzjonament tajjeb tas-sistema tal-ġustizzja kriminali u għal prosekuzzjonijiet effettivi u kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri f'materji kriminali. Is-servizzi tal-prosekuzzjoni pubblika huma indispensabbli għall-implimentazzjoni effettiva tal-liġi kriminali tal-Unjoni Ewropea. Il-ġlieda kontra l-kriminalità, inkluż kriminalità transfruntiera u organizzata, reati ekonomiċi u finanzjarji, bħall-ħasil tal-flus u l-korruzzjoni, tiddependi minn servizzi ta' prosekuzzjoni nazzjonali li jiffunzjonaw tajjeb.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qed tiżviluppa ġurisprudenza importanti rigward is-servizzi ta' prosekuzzjoni, b'mod partikolari fil-kuntest tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri f'materji kriminali bbażata fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE), l-ewwel strument legali li jesprimi l-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji. Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, biex jikkwalifika bħala awtorità ġudizzjarja kompetenti li toħroġ u teżegwixxi MAE, il-prosekutur pubbliku jrid ikun indipendenti mill-eżekuttiv. Barra minn hekk, il-prosekutur irid jeżerċita r-responsabbiltà tiegħu skont proċedura li tissodisfa r-rekwiżiti inerenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

Barra minn hekk, il-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa stabbilew standards Ewropej rilevanti dwar ir-rwol tal-prosekuzzjoni pubblika fis-sistema tal-ġustizzja kriminali, kif ukoll dwar l-indipendenza u l-akkontabbiltà tagħha. Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem hija rilevanti wkoll f'dan ir-rigward.

L-isfidi għal servizzi ta' prosekuzzjoni li jiffunzjonaw tajjeb

L-organizzazzjoni tas-servizzi tal-prosekuzzjoni nazzjonali tvarja madwar l-UE. Filwaqt li ma hemm ebda mudell uniku fl-UE għall-istruttura istituzzjonali tas-servizz tal-prosekuzzjoni, jew għall-ħatra, it-tkeċċija jew il-proċeduri dixxiplinari għal prosekuturi f'livelli differenti, huma meħtieġa salvagwardji istituzzjonali biex jiżguraw li l-prosekuturi jkunu kapaċi jwettqu d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet professjonali tagħhom skont kundizzjonijiet legali u organizzattivi adegwati u mingħajr indħil.

Ir-rapport tal-Kummissjoni tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt jinnota tendenza dejjem aktar ċara lejn servizzi ta' prosekuzzjoni aktar indipendenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt (il-Kummissjoni ta' Venezja) issottolinjat, fil-Lista ta' Kontroll tagħha dwar l-Istat tad-Dritt, li trid tiġi żgurata awtonomija suffiċjenti biex l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni jkunu protetti minn influwenza politika mhux xierqa.

Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat l-isfidi għas-servizz tal-prosekuzzjoni u ssottolinjat l-importanza tal-ġustizzja diġitalizzata. Is-sitwazzjoni bla preċedent kompliet issaħħaħ il-ħtieġa li jkunu stabbiliti għodod u infrastruttura xierqa li jippermettu komunikazzjoni mill-bogħod u aċċess remot sigur għall-post tax-xogħol għas-servizzi ta' prosekuzzjoni. Huma meħtieġa wkoll infrastruttura u tagħmir adegwati għal komunikazzjoni elettronika sigura bejn il-qrati, is-servizzi tal-prosekuzzjoni u l-professjonisti u l-istituzzjonijiet legali. It-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni għandha rwol importanti fl-appoġġ tal-ħidma tal-awtoritajiet ġudizzjarji u tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji.

Fl-aħħar nett, sistemi ġudizzjarji effettivi, inkluż servizzi ta' prosekuzzjoni, jiddependu minn riżorsi umani u finanzjarji adegwati. F'għadd ta' Stati Membri, is-sistema ġudizzjarja jkollha tiffunzjona b'riżorsi limitati. L-effetti ekonomiċi u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19 issottolinjaw il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema ġudizzjarja, anki għax in-numru ta' kawżi mistenni jiżdied.

Mistoqsijiet għall-Ministri

Hemm interess komuni sabiex il-Ministri għall-Ġustizzja jimpenjaw ruħhom f'din il-kwistjoni fil-qafas tal-Kunsill u jibdwu jirriflettu dwar kif jistgħu jiġu indirizzati l-isfidi preżenti u daww futuri. L-iskambju ta' fehmiet dwar is-servizzi ta' prosekuzzjoni jista' jkun il-bidu ta' aktar diskussjonijiet li jkunu aktar speċifiċi. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021 u r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt għall-2021 jistgħu jintużaw bħala bażi għal dibattiti aktar speċifiċi ta' dan it-tip.

Fil-kuntest ta' dialogu dwar suġġetti speċifiċi għall-ġustizzja dwar l-istat tad-dritt, il-Ministri għall-Ġustizzja huma mistiedna jaqsmu fehmiethom dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

- *X'inhuma, fil-fehma tagħkom, l-isfidi ewlenin għal servizz ta' prosekuzzjoni li jiffunzjona tajjeb?*
- *Kif jistgħu l-Ministri għall-Ġustizzja fil-Kunsill ĠAI jkomplu jinvolvu ruħhom f'diskussjoni aktar speċifika dwar dan is-suġġett?*